Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 556/2010

**Salvatore Cachia [KI 425855(M)] u martu Anna Cachia [KI 704661(M)] u Carmelo Cachia [KI 337748(M)] (appellati)**

**vs**

**Gerald Farrugia [KI 741420(M)] u martu Luigia Farrugia [KI484522(M)] u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2012 l-atti gew trasfuzi f'isem Gerald Farrugia minhabba li Luigia Farrugia kienet mietet fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-Tribunal tal-25 ta' Novembru 2014 l-atti gew trasfuzi f'isem Antonia sive Antoinette Ellul, Joan sive Jane sive Giovanna Borg, Maria Lourdes sive Marilou Muscat u Paul Farrugia (appellanti)**

22 ta' Settembru 2017.

**Il-Qorti,**

Rat **l-Avviz tat-Talba tal-atturi tad-29 ta' April 2010** permezz ta' liema huma talbu lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-konvenuti Gerald u Luigia Farrugia ihallsuhom is-somma ta' elfejn, seba' mija u hamsin Ewro (€2,750.00c) rapprezentanti sehemhom ossia nofs l-ispejjez necessarji u recentement minfuqa ghas-saqaf tal-fond Luistania garage, Triq l-Imqabba, iz-Zurrieq, propjeta' tal-konvenuti, li jigi l-art tal-fond St. John Bosco, Triq l-Imqabba, iz-Zurrieq, proprjeta' tal-attur Carmelo sive Charles Cachia u l-art tal-fond Stella fl-istess triq u propjeta' tal-atturi l-ohra, konsistenti f'nofs l-ammonti illi l-atturi hallsu sabiex dan is-saqaf/art ikun b'sahhtu u ma jikkostitwix periklu. Dawn ix-xoghlijiet saru ghall-vantagg kemm tal-atturi kif ukoll tal-konvenuti illi bhala sidien ta' nofs il-hajt ghandhom ihallsu nofs l-ispejjez, illi jinkludu prezz ta' travi addizzjonali necessarji kif ukoll spejjez peritali, liema ammonti l-konvenuti ma hallsux minkejja bosta interpellazzjonijiet, inkluz ittra legali tas-16 ta' Frar, 2010.

Rat **ir-Risposta tal-konvenuti tad-29 ta' Settembru 2010**[1] permezz ta' liema eccepew li l-ammont mitlub mhux dovut ghax kien sar ftehim mod iehor.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-15 ta' Lulju 2015** li qalet hekk –

[1] Fol 7

*"Hawn si tratta minn haga serjissima: is-sitwazzjoni ta' bini mil-lat ta' sahha. Sitwazzjoni perikolanti jew le u f'kaz ta' periklu kemm hi kbira l-minaccja. Li riedu jsiru xoghlijiet fil-fond de quo mhux kontrastat. Id-diffikulta' ossia lproblema qeghda fil-fatt li l-perit Ruben Sciberras (imqabbad mill-Atturi) ddecieda ghal rimedji aktar estensivi milli ddecieda l-perit Anton Zammit imqabbad mill-Konvenuti. It-TRIBUNAL ma jqisha facli xejn li jrid jiddeciedi favur naha jew ohra. Hawn si tratta ta' opinjoni teknika ex parte imma li t-TRIBUNAL iqishom serji t-tnejn. It-TRIBUNAL mil-favur il-fehma aktar ta' serhan ir-ras tal-perit tal-Atturi izda, b'sens ta' ekwita' ser ihalli bla taxxa l-ispejjes tal-kawza.*

*IV DECIZJONI*

*It-TRIBUNAL jiddeciedi illi (1)* ***jichad*** *l-eccezzjonijiet tal-Konvenuti (2)* ***jilqa*** *t-Talba Attrici u jghaddi biex jikkundanna in solidum lill-Konvenuti li jhallsu lill-Atturi il-quantum ta' elfejn, seba' mija u hamsin Ewro (€2,750.00c) liema hlas ghandu jsir fi zmien erbghin jum mil-lum b'dana li jekk il-hlas ma jsirx fiz-zmien imsemmi jibda ghaddej l-imghax* ***mil-lum stess*** *sal-jum tal-pagament effettiv u (3)* ***jiddeciedi*** *u* ***jordna*** *li l-ispejjes tal-kawza u l-ohrajn imsemmija fl-AVVIZ jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti."*

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u l-atturi appellati wiegbu[2]. Waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2017 dehru uhud mill-appellanti u l-appellati assistiti mid-difensuri taghhom u saret trattazzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti.

**Preliminari**

L-appellati ssollevaw il-pregudizzjali li r-rikors tal-appell hu null ghaliex ma tressaqx fil-forma ta' rikors u ghax ma fihx talba ghat-thassir tal-ewwel sentenza skont il-ligi[3]. Din il-kwistjoni giet sorvolata bid-debiti korrezzjonijiet awtorizzati mill-Qorti waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2017, ghall-liema ma kien hemm ebda oppozizzjoni da parti tal-appellati.

**Mertu**

L-aggravji tal-appellanti huma li t-Tribunal:

1. ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-punti legali illi tressqu quddiemu; u

2. naqas illi jigi gwidat minn opinjoni teknika indipendenti minn dik migjuba quddiemu miz-zewg partijiet.

L-appellati jirribattu li:

---

[2] Fol 7 et seq.

[3] Risposta tal-appell a fol 8.

i. L-apprezzament tal-fatti u tal-ligi mit-Tribunal kien wiehed korrett;

ii. Fi proceduri quddiem it-Tribunal il-ligi stess tiskuragixxi sa fejn hu possibbli li jitqabbdu periti teknici u fil-prattika huwa wkoll rari li gudikaturi jqabbdu tali esperti. F'kull kaz, fil-kaz odjern ma tressqet ebda talba minn xi parti ghal hatra ta' perit mit-Tribunal; u

iii. It-Tribunal wara li xtarr il-fatti kollha kkonkluda li l-appellanti kienu debituri tal-appellati.

**L-ewwel aggravju: Apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-ligi mit-Tribunal**

Ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, l-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk mhux ghal ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissuggerixxu mod iehor[4].

**Fatti**

i. L-atturi Salvatore u Anna konjugi Cachia huma proprjetarji ta' mezzanin li jinsab fuq it-tieni sular fi Triq l-Imqabba, z-Zurrieq filwaqt fuq l-istess sular u biswit din il-proprjeta', l-attur l-iehor Carmelo Cachia ghandu l-proprjeta' tieghu, li parti minnha tinsab fl-ewwel sular u l-parti l-ohra fit-teni sular;

ii. Taht l-ewwel sular jinsab il-garaxx bl-isem ta' "Lusitania", proprjeta' tal-konvenuti appellanti li huwa wzat ghall-parkegg ta' diversi vetturi fosthom tal-appellat Salvatore Cachia li kien jikri minghand l-*aventi causa* tal-appellanti Geraldu Farrugia spazju ta' parkegg;

iii. Maz-zmien l-appellati lmentaw mal-konvenut Geraldu Farrugia li kien hemm xi xquq fit-travi tas-saqaf ta' dan il-garaxx u **fit-22 ta' Mejju 2009** il-perit Ruben Sciortino, inkarigat mill-appellati, mar fil-post[5] u ghamel rapport li fih qal li kien hemm bzonn li immedjatament issir tiswija fit-travi[6];

v. Geraldu Farrugia nkariga lill-perit Anton Zammit sabiex jaghmel il-verifiki tieghu u kkontesta li kien hemm il-perikolu kollu kif indikat mill-appellati;

vi. Wara trattativi bejn il-partijiet[7] gie ffirmat **ftehim datat 20 t'Awissu 2009[8]** bejn l-il-

[4] **Paul Bezzina vs Direttur Generali (Dwana) deciz fis-27 ta' Jannar 2017.**

[5] Ritratti a fol 74-75.

[6] Fol 17.

[7] Ittra legali tal-1 ta' Lulju 2009 a fol 18; ittra responsiva tal-5 ta' Lulju 2009 a fol 89 u ittra legali tal-20 ta' Lulju 2009 a fol 19.

[8] Fol 21 et seq.

partijiet permezz ta’ liema huma qablu li l-garaxx in kwistjoni fih erba’ travi li jsostnu l-bini ta’ fuqu u mil-liema travi, tlieta kien jehtigilhom rinforz biex ikunu jifilhu ahjar il-bini ta’ fuqhom ta’ sular wiehed. Sar qbil ukoll li ghandu jsir rinforz fuq it-tlett travi kif mehtieg u dwar kif ghandhom jithallsu l-ispejjez. Huma ftehmu wkoll dwar kif kellhom jinqasmu l-ispejjez fl-eventwalita’ li r-raba’ travu ikun jehtieg li jigi rinforzat;

vii. Originarjament ittellghu pilastri tal-*bricks* u twahhal travu wiehed tal-hadid taht kull travu, cioe’ twahhlu erba’ travi. Izda l-perit tal-appellati Reuben Sciortino kien tal-parir li dan m’huwiex bizzejjed u ssuggerixxa li ghandu jiddahhal travu iehor taht kull travu[9]. B’hekk fil-fehma ta’ dan il-perit kellhom isiru tmien travi flok erbgha;

viii. Gerald Farrugia oggezzjona li jsiru 8 travi flok erbgha ghax insista li l-perit tieghu Anton Zammit kien qallu li erba’ travi kienu bizzejjed[10]. Dan huwa konfermat mill-perit Zammit stess[11];

ix. Sar inkontru fuq il-post li ghalih kienu prezenti Geraldu Farrugia, Salvatore Cachia, il-perit Sciortino u perit Spiteri. Dawn iz-zewg periti wkoll issuggerew li kellhom isiru tmien travi[12];

x. Eventwalment twahhlu l-erba’ travi l-ohra[13], u cioe’ tmienja b’kollox – tnejn taht kull travu;

xi. L-awturi tal-appellanti hallsu sehemhom skont kif miftiehem fl-20 t’Awissu 2009 izda biss ghall-ewwel erba’ travi li twahhlu ghax skont ma qalu, il-partijiet kienu ftehmu li l-appellati wahedhom kellhom jaghmlu tajjeb ghall-erba’ travi l-ohra. L-appellati jichdu li kien hemm dan il-ftehim u jinsistu li l-hlas ghat-tmien travi kollha ghandu jinqasam skont kif miftiehem ghand in-Nutar;

xii. L-appellati ipproponew il-kawza sabiex jirkupraw l-ispejjez dovuti lilhom skont il-ftehim tan-Nutar fir-rigward tal-erba’ travi l-ohra flimkien mal-ispejjez tal-perit Reuben Sciortino.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

Fil-kuntratt tal-20 t’Awissu 2009 li sar quddiem in-Nutar Joseph Darmanin jinghad –

*“Illi l-garage fih erba’ travi li jsostnu l-bini ta’ fuqu u mil-liema travi, tlieta jenhtigilhom reinforz biex ikunu jifilhu ahjar il-bini ta’ fuqhom ta’ sular wiehed.*

---

[9] Xhieda tal-perit Reuben Sciortino a fol 35.

[10] Affidavit a fol. 80.

[11] Fol 87.

[12] Affidavit Geraldu Farrugia a fol 80.

[13] Xhieda tal-perit Reuben Sciortino a fol 36.

*Illi ghalhekk il-partijiet kollha fuq dan il-ftehim jaqblu u jiftehmu:*

*1. Ghandu jsir reinforz fuq it-tlett travi kif mehtieg;*

*2. L-ispejjez ta' dan ir-reinforz ghandhom jithallsu:*

*a) kwantu ghall-ewwel travu minn naha tal-bitha, l-ispejjez jithallsu terz minn Farrugia u terz minn Carmelo Cachia u terz minn Salvatore u Anna Cachia.*

*b) L-ispejjez ta' zewg travi l-ohra ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs minn Farrugia u nofs mis-sidien l-ohra tal-bini sovrastanti ghall-garage u ghalhekk kwart Salvatore u Anna Cachia u kwart Carmelo Cachia.*

*3. Il-partijiet jaqblu illi jekk it-travu l-iehor fil-futur ikun jenhtieglu xi reinforz dan ghandu jsir kwantu ghal nofs minn Farrugia u kwantu ghan-nofs l-iehor minn kwart Salvatore u Anna Cachia, u kwart minn Carmelo Cachia."*[14].

M'hemmx dizgwid bejn il-partijiet dwar l-ewwel sett ta' erba' travi li twahhlu bhala rinforz u li ghalihom l-appellanti hallsu sehemhom mis-somma ta' €4,993.17[15] li kien il-prezz ta' erba' travi imhallas skont l-ircevuta annessa in atti[16].

Il-kwistjoni hija dwar it-tieni sett ta' erba' travi.

Il-Qorti tosserva li –

i. Skont **l-appellat Salvatore Cachia**, xahar qabel ma ffirmaw il-ftehim ghand in-Nutar tal-20 t'Awissu 2009, il-perit Sciortino kien diga' kkonstata l-htiega li jitwahhlu 8 travi ghar-rinforz tal-bini[17] –

*"Sadattant f'Lulju stess il-perit Sciortino kien informana li kien hemm bzonn tmien travi tal-metall biex isostnu it-travi tal-konkos, zewg travi tal-metall ghal kull travu.*

*Lil Geraldu jiena kellimtu u tajtu kopja tal-pjanta tal-perit fejn kien hemm immarkat li kien hemm bzonn tmien travi tal-hadid, imma dana beda jghid li ma kienx ser ihallas ghal aktar minn erbgha u riedna naghmlu karta li hu ma jhallasx ghall-erbgha l-ohra, u ahna niffirmawha. Ahna naturalment, din il-karta assolutament irrifjutajna li naghmluha, u ghamilnihielu cara li ma kellna ebda intenzjoni li ma naghmlux dak li hemm bzonn isir sabiex kollox ikun safe."*

ii. **Il-perit Ruben Sciortino** xehed hekk dwar laqgha li kienet saret[18]–

---

[14] Fol 24.

[15] Affidavit ta' Salvatore Cachia a fol 15.

[16] Fol 26.

[17] Fol 14.

[18] Fol 35-36.

*"….sar meeting iehor, issa din id-darba ma kienx hemm jien biss u l-klijenti tieghi izda kien hemm ukoll prezenti s-sid tal-garaxx kif ukoll il-perit tieghu l-Perit Anton Zammit. Jiena u l-Perit Zammit iddiskutejna bejnietna x'kien hemm bzonn bhala xoghlijiet u l-perit Zammit kien tal-opinjoni li ma kien hemm bzonn xoghlijiet ta' xejn. Jiena ssuggerejt li jiccertifika hu dak li jahseb li hu l-istat tas-saqaf u dak il-mument bqajna hekk. Jiena kont tlabt li jsir zewg travi tal-hadid taht kull travu u zewg pilastri tal-bricks fuq kull naha u eventwalment hekk sar. Jiena naf li ghal bidu kull ma ghamlu travu wiehed tal-hadid taht kul travu imma jiena kont tajthom il-parir illi dan mhuwhiex bizzejjed u jridu jdahlu travu iehor apparti l-pilastri tal-bricks li semmejt, anzi nippreciza li l-ewwel tellghu il-pilastri tal-bricks u travu wiehed taht kull travu mbaghad eventwalment fuq suggeriment tieghu dahlu t-tieni travu."*

iii. **Il-perit Anton Zammit** , perit inkarigat minn Geraldu Farrugia, xehed hekk[19] -

*"Jiena naqbel li f'din il-laqgha kien hemm qbil li hemm bzonn ta' xoghlijiet fit-travi, fis-saqaf izda ma konniex qbilna fuq in-numru ta' travi….Jien kont qed nghid li erba' (4) bizzejjed u l-perit Sciortino kien qed jghid li hemm bzonn tmienja (8) tnejn (2) tnejn (2) kif diga' spjegajt."*

iii. **Geraldu Farrugia** persistentement irrifjuta li jikkontribwixxi sehmu ghall-erba' travi l-ohra a bazi tal-parir li tah il-perit tieghu Anton Zammit u cioe' li erba' travi kienu sufficjenti[20]. **Huwa, u sussegwentement l-appellanti odjerni, ibbazaw id-difiza taghhom fil-kawza fuq "ftehim" li kien intlahaq bejnu u bejn l-atturi appellati u cioe' li t-tieni sett ta' erba' travi kellhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-appellati biss**. Farrugia kien xehed li wara li nqala' d-dizgwid dwar dawn l-erba' travi[21] –

*"…Salvatore Cachia, rega' avvicinani, u qalli li konna solvejna l-problema, "li l-erba' travi jithallsu kif konna ftehmna, u l-erbgha l-ohra jithallsu minni u minn hija. U inti Gerald m'ghandek x'taqsam xejn ma' l-erbgha l-ohra".*

iv. Farrugia jserrah fuq il-bennej Louis Schembri u l-bejjiegh tat-travi Andrew Magri bhala xhieda ta' dan il-ftehim.

v. **Andrew Magri** xehed li l-ewwel sett ta' erba' travi kienu marru jixtruhom flimkien Geraldu Farrugia u l-appellati u thallas nofs il-prezz minn Farrugia, u l-bqija thallas konguntivament mill-appellati. It-tieni sett ta' erba' travi kienu marru biex jixtruhom biss l-appellati u l-hlas ghalihom sar biss minnhom. Bhala fatt wahdu dan pero' ma jiskolpax lill-appellanti mill-obbligi kuntrattwali taghhom.

vi. **Geraldu Farrugia** jkompli jghid li meta l-erba' travi tpoggew f'posthom, huwa u l-appellati ftehmu biex jirrangaw il-kont tal-bennej u ta' Salvatore Cachia stess li kien ghen il-bennej.

[19] Fol 87.

[20] Affidavit Geraldu Farrugia a fol 80.

[21] Fol 80.

Kompla hekk[22] –

*"Jien Gerald ghidt li Salvatore Cachia, fil-prezenza tal-bennej Louis Schembri, biex naghmlu karta bejnietna fuq il-hlas tal-bennej, ta' Salvatore, kif ukoll ta' l-erba' travi u li jien ma baqali xejn x'naqsam izjed mal-ispejjez l-ohra. Qabez Salvatore Cachia, dejjem fil-prezenza tal-bennej Louis Schembri u qalli li ma hemmx ghalfejn. Qalli ukoll li ahna m'ahniex tfal. B'hekk din il-karta ma saritx."*

vii. **Il-bennej Louis Schembri** xehed hekk[23] –

*"Niftakar li waqt li kont qed nahdem fuq il-lant inqala' xi dizgwid bejn Salvu Cachia u Gerald Farrugia peress li Salvu Cachia ried jaghmel erba' travi ohra jigifieri tnejn taht kull travu tal-konkos. Gerald Farrugia ma riedx jaccetta u fil-fatt kienu waqqfuni tlett ijiem mix-xoghol ghaliex ma ftehmux.* ***Jien ergajt komplejt ix-xoghol wara li Gerald Farrugia accetta li jsiru tmien travi flok erbgha peress illi Salvu Cachia accetta illi kienu se jhallas huwa stess u huh ghall-erbgha l-ohra. Fil-fatt kien cempilli Salvu Cachia u qalli li stajt immur inkompli peress li huwa kien se jhallas tal-kumplament.***

*Meta lestejt ix-xoghol fuq l-ewwel erba' travi Gerald Farrugia hallasni in-nofs tal-prezz tax-xoghol taghhom u quddiem Salvu Cachia kien qalli li issa huwa (Gerald) ma kellu x'jaqsam xejn mal-erbgha travi l-ohra. Fil-fatt kemm in-nofs tal-prezz ta' l-ewwel erba' travi kif ukoll l-erba' travi l-ohra hallsani ghalihom Salvu Cachia meta lestejt ix-xoghol taghhom. Niftakar ukoll li quddiemi meta hallsani Gerald Farrugia qal lil salvu biex jaghmlu bicca karta tal-ftehim imma Salvu wiegbu li ahna m'ahniex tfal u m'hemmx ghalfejn."*

viii. **L-appellat Salvatore Cachia** irribatta li[24]-

*"Geraldu, minkejja l-ftehim quddiem in-Nutar, baqa' jinsisti u qal li hu ried ihallas is-sehem skond il-persentagg miftiehem skond il-ftehim ghand in-Nutar, imma ghal erba' travi biss u mhux ghal tmienja.*

*Jiena ghidtlu li minhabba li x-xoghol kien urgenti, kien hemm bzonn li jsir kollox immedjatament immedjatament. Ghidtlu wkoll illi la ma jridx ihallas sehmu ghall-erbgha travi l-ohra, u lanqas ghall-kont tal-perit, konna ser niehduh il-Qorti. Hu qalli "Hudni l-Qorti, daqs kemm ghandi xahar f'rasi ili tiela u niezel il-Qorti." U bqajna hekk."*

Hu minnu li fil-kuntratt tal-20 ta' Awissu 2009 jinghad li r-rinforz tat-travi kellu jsir ***"kif mehtieg"*** u ma jsemmi xejn dwar in-numru ta' travi li kellhom jitpoggew taht kull travu. Ovvjament kien jispetta lill-appellanti li jaghtu prova li l-ftehim kien li l-atturi ser jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez addizjonali tat-tieni sett ta' erba' travi. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

i. Irrizulta li f'abbozz ta ftehim li l-atturi kienu baghtu f'Lulju 2009, kien jinghad li ghandhom isiru zewg travi ghal kull travu. Pero' dan ma giex rifless fil-kuntratt li ffirmaw fl-20 ta' Awissu, 2009.

ii. L-ewwel erba' travi nxtraw fis-7 ta' Awissu, 2009 mill-partijiet involuti. Min-naha l-ohra

[22] Fol 80.

[23] Affidavit a fol 83.

[24] Affidavit a fol 15.

t-tieni sett ta' travi nxtara fil-25 ta' Novembru, 2009 nxtara biss mill-atturi (ara affidavit ta' Andrew Magri li minghandu nxtraw it-travi u li ma sarlux kontro-ezami). Li kieku l-ftehim kien li jitpoggew tmien travi, probabbilment:

(a) it-travi kollha kienu jinxtraw f'daqqa; jew
(b) ghall-inqas it-tieni sett kien jinxtara mill-paritjiet kollha kif inxtraw l-ewwel erba'.

iii. Il-perit Sciortino stess xehed li l-ewwel saru erba' travi u, *"imma jiena kont tajthom il-parir illi dan m'huwiex bizzejjed u jridu jdahhlu travu iehor …… **eventwalment** fuq suggeriment tieghi dahlu t-tieni travu"*. Kliem li jkomplu jsahhu l-fehma tal-qorti li meta sar il-ftehim originali ma kienx hemm ftehim li jsiru tmien travi.

iv. Il-perit Anton Zammit, inkarigat mill-konvenuti, xehed li hu kien tal-fehma li erba' travi kienu bizzejjed. Prova li tikkorabora l-verzjoni tal-konvenut li kien accetta li jaghmel tajjeb biss ghal nofs l-ispejjez ta' erba' travi. Fil-fatt flimkien mal-atturi xtara u hallas nofs il-prezz tal-ewwel erba' travi u hallas ukoll nofs l-ispejjez tat-tqeghid.

v. Hemm ukoll id-deposizzjoni ta' Louis Schembri, il-bennej li ghamel ix-xoghol, li kkorabora l-verzjoni tal-konvenut. Xhud li ma sarlux kontro-ezami u li xehed:

- Kien gie nkarigat minn Salvu Cachia;
- Originarjament kien ftehem ma' Cachia u l-konvenut li jaghmel sitt pilastri u tlett travi, izda wara ddecidew li jaghmlu xoghol fuq l-erba' travi, cjoe': *"… il-ftehim kien li kelli naghmel tmien pilastri tal-konkos, wiehed kull genb tal-garaxx jigifieri tnejn taht kull travu li kien hemm fil-garaxx. Ftehemna wkoll li naghmel travu wiehed tal-hadid ta' pied u erba' pulzieri taht kull travu li kien hemm u jistrieh fuq il-pilastri. Tant hu hekk illi fuq il-post kienu ingiebu erba' travi biss"*.
- Kien imbaghad inqala' dizgwid ghaliex Cachia ried li jitpoggew zewg travi taht kull travu, u l-konvenut ma accettax. Kien biss wara Cachia accetta li jhallas hu ghall-ispejjez li Farrugia accetta li fil-garaxx tieghu jitpoggew erba' travi ohra.
- Kien thallas tal-ewwel erba' travi minn Farrugia u Cachia. Meta Farrugia hallsu, quddiem Cachia kien qallu li ma kellu x'jaqsam xejn mal-erba' travi l-ohra. Fil-fatt tat-tieni sett travi kien thallas minn Salvu Cachia. Qal ukoll, *"Niftakar ukoll li quddiemi meta hallasni Gerald Farrugia qal lil Salvu biex jaghmlu bicca karta tal-ftehim imma Salvu wieghbu li ahna m'ahniex tfal u mhemmx ghalfejn"*.

Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn dan ix-xhud m'ghandux jitwemmen. Verzjoni li tikkontradici dak li xehed l-attur Salvatore Cachia (ara fol. 15).

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tqies ghal kollox iktar kredibbli l-verzjoni tal-konvenuti, fis-sens li l-ftehim kien li t-tieni sett ta' erba' travi jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi. Konsiderazzjonijiet li t-Tribunal naqas milli jaghmel u bbaza d-decizjoni **biss** fuq il-fatt li r-

rimedju li ppropona l-perit Sciortino kien *"ta' serhan ir-ras"* u ma ddecidiex dwar x'kien il-ftehim. Il-qorti hi tal-fehma li l-kawza kellha tigi deciza a bazi tal-provi u mhux ta' dik l-opinjoni teknika li tkun *"ta' serhan ir-ras"*.

Ghal dawk li huma spejjez relatati mas-servizz li ta l-perit Sciortino u li l-atturi qeghdin jippretendu r-rimbors ta' nofshom, mill-provi hu evidenti li s-servizz tah lill-atturi. Tant hu hekk li l-kont hargu f'isem Saviour Cachia. Il-perit Sciortino qatt ma nghata nkarigu mill-konvenuti li kellhom perit ta' fiducja taghhom. Dan apparti li l-qorti mhijiex sodisfatta li x-xoghol deskritt bhala *"1.1 survey of st john Bosco and garage u 1.2 Structural assessment and design"* hu relatat mat-travi. Fic-cirkostanzi, hawn ukoll il-pretensjoni tal-atturi hi minghajr bazi.

Salvatore Cachia qal ukoll li hemm is-somma ta' €229.17 dovuta ghal, *"xoghlijiet li ghamilna jiena u hija ghal gimgha shiha nahdmu biex tellajna it-tieni sett ta' erba' travi u l-pilastri mal-bennej u biex iffinixjajna l-hitan, sa meta Farrugia qalilna ma nkomplux bit-tikhil"*. Kif il-konvenuti hallsu sehemhom ghax-xiri tal-ewwel erba' travi u l-ispejjez tal-bennej in konnessjoni ma' dawk it-travi u l-pilastri, probabbilment hallsu lill-attur.

Hu minnu li l-atturi argumentaw li s-saqaf igib mieghu stat ta' koproprjeta u allura l-ispejjez ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom iz-zewg partijiet. Fil-fatt il-kawza hi bazata fuq dik il-premessa. Pero' ghal finijiet ta' din il-kawza dan l-argument ma kienx determinanti gialadarba l-qorti kkonkludiet li fuq bazi ta' probabbilta il-partijiet ftehmu li l-atturi ser jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez relatati mat-tieni sett ta' erba' travi.

Il-qorti zzid li mill-aspett tekniku t-Tribunal stess irrikonoxxa li ma kienx f'posizzjoni jikkonkludi liema opinjoni kienet teknikament l-iktar valida, u ghazel is-soluzzjoni *"ta' serhan ir-ras"*. Il-provi milli aspett tekniku huma konfliggenti u mhemmx cirkostanzi li jaghmlu l-opinjoni tal-perit Sciortino iktar kredibbli minn dik tal-perit Zammit. F'kull kaz din hi konsiderazzjoni sekondarja meta tqies li l-qorti kkonkludiet li l-partijiet ftehmu li l-atturi kellhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez relatati mat-tieni sett ta' travi li nxtraw fl-ahhar ta' Novembru 2009.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-15 ta' Lulju, 2015, tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talbiet tal-atturi. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-atturi.**

Anthony Ellul.